**14 ta' Ottubru, 1963**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**

Giovanna armla tal-Professur Dottor Giovanni Caruana

*versus*

Avukat Dottor Edgar Mizzi, noe.

**Deċiżjoni tal-Bord tal-Kera dwar Awment ta' Kera — Appellabilità**

*Il-fatt li l-membri tekniċi tal-Bord ma eżaminawx kamra tal-fond, meta iffissaw il-kera tiegħu, ma jikkrea ebda kwistjoni ta' liġi deċiża. Ċirkostanza bħal din tista' tagħti lok għal rimedju ieħor imma mhux għall-appell, kif limitat fil-liġi.*

Il-Qorti, rat ir-rikors li bih ir-rikorrenti talbet awment tal-kera tal-fond Nru. 55 Rudolph Street, Sliema minn £20 għal £50.

Rat id-deċiżżjoni tal-Bord tat-23 ta' Lulju, 1963 li biha, billi mill-eżami tal-fond mill-membri tekniċi jirriżulta li hemm lok għal awment, billi l-kera jkun £28 fis-sena mill-1 ta' Jannar, 1964 jitħallas bis-sitt xhur bil-qudiem; bil-kondizzjonijiet ta' qabel u ordna li l-ispejjeż jitħallsu 8/ 30 mill-intimat u 22/30 mir-rikorrenti.

Rat ir-rikors li bih ir-rikorrenti appellat minn dik is-sentenza u talbet li tiġi riformata fis-sens li fil-kera stabilit mill-Bord tiġi miżjuda r-rata korrispondenti għall-valur lokatizzju tal-kamra li erroneament ma ġietx eżaminata mill-Membri Tekniċi ta' l-istess Bord u f'dan is-sens tiġi milqugħa t-talba tagħha bl-ispejjeż kontra l-appellat.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi għab-bażi taċ-ċirkostanzi ta' fatt imsemmija fir-rikors ta' l-appell, is-sentenza appellata mhix appellabbli: Fil-meritu, stante l-allegat żball tal-Membri Tekniċi tal-Bord hu rrimetta ruħu għall-verifika ta' l-inċident, pero fi kwalsjasi każ ma għandux ibati spejjeż.

Rat l-atti kolhla tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni fuq il-preudizzjali ta' l-inappellabilita u kkunsidrat:—

Dan hu każ fejn ma jingħatax appell mis-sentenza tal-Bord ħlief fuq xi punt ta' liġi deċiż fis-sentenza.

Issa l-ilment ta' l-appellant hu biss illi l-Membri Tekniċi tal-Bord meta eżaminaw il-fond ma rawx kamra annessa miegħu li dwarha kellu jiġi verifikat jekk tagħmilx parti minnu.

Fil-fehma tal-Qorti dan l-ilment ankorke jista' ikun fondat fil-fatt ma jikkrea ebda kwistjoni ta' liġi u wisq inqas kwistjoni ta' liġi deċiża fis-sentenza tal-Bord. Ċirkostanza bħal dik rilevata mill-appellanti tista' tagħti lok għal rimedji oħra imma mhux għall-appell kif limitat mil-liġi (ara Kollez. Vol. XXXII, I, 52).

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-preġudizzjali ta' l-inappellabilita sollevata mill-appellat, u tiddikjara l-appell irritu u null bl-ispejjeż kontra l-appellanti.